# EL YACENTE

## Ix-Xbiha ta' Kristu mejjet fil-Knisja Parrokjali: simboliżmu u Ikonografija

Kitba ta' Sandro Debono

Bħal fil-każ ta' ħafna parroċċi oħra fil-gżejjer tagħna li sa minn żmien bikri ħadu nteress fir-ritwali tal-Ġimgħa Mqaddsa, il-korp ta' Kristu mejjet jista' jitqies bħala waħda mill-ewwel jew l-iżjed opri mportanti li madwarha bdiet tinbena purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Għalhekk wieħed irid jistaqsi għaliex din ix-xbiha, li fil-każ tal-Knisja Parrokkjali hija aċċessibbli s-sena kollha għalkemm f'post kemmxejn imwarrab mill-għajn kurjuża ta' min ma jkunx jaf bih, kellha daqshekk importanza f'dan il-kuntest.

It-tweġiba għal dan kollu terġa teħodna lura fiż-żmien lejn ir-riforma ta' Lutheru u l-kontroriforma mnehdija mill-Konċilju ta' Trentu biex tirribatti dak kollu li l-fergħa xiżmatika protestanta bil-fazzjonijiet kollha tagħha nehdiet bħala l-verita'. F'post ċentrali fi ħdan din it-tilwima nsibu l-interpretazzjoni tal-Vanġelju fejn tidħol l-Ewkaristija. 1 Skond Lutheru l-Ewkaristija hija simbolu jew aħjar kontenitur; il-ġisem ta' Kristu qiegħed ma' l-ostja jew saħansira fl-ostja kkonsagrata stess. 2 Kalvinu wkoll jibqa viċin ħafna ta' l-istess teżi ta' Lutheru li madankollu jibbaża iżjed fuq l-att ta' fidi; emmen li Kristu jinsab rappreżentat fl-ostja u dan iseħħ.3 It-Tlettax-il Sessjoni tal-konċilju ta' Trentu tirribatti dan kollu u tiċċara b'mod komplet it-tagħlim tal-knisja f'dan ir-rigward; bil-konsagrazzjoni tal-ħobż u ta' l-inbid għandna bidla tal-materjali kkonsagrati fil-ġisem komplet u d-demm ta' Kristu.

L-enfasi fuq dan it-tagħlim bdiet għalhekk tinħass fl-arti tal-kontroriforma b'mod speċjali f'dik b'influenza Spanjola; dan nistgħu nifmuh aktar billi aktar minn nofs it-teoloġi li ddibattew dan it-tagħlim kienu Spanjoli.4 Pittura bikrija ta' Juan de Juanes (1523?-1579) li tinsab fil-Museo de Bellas Artes ta' Valencia turi b'mod ċar li dan it-tagħlim kellu, nistgħu ngħidu, effett immedjat li baqa jidwi għal bosta snin, saħansitra sekli, wara.5 Bosta nkwadri oħra mxerrdin fil-knejjes tagħna jirriflettu l-istess kunċett; nistgħu nsemmu l-kwadru ta' Antoine de Favray (1706-1798) li nsibu fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfraġu fil-Belt Valletta fejn il-fatt li Kristu jidher jqarben lill-Appostli jpoġġi taħt dawn ċar il-fatt li huwa Kristu stess li qiegħed jagħti ġismu taħt il-forma ta' l-Ostja kkonsagrata.

L-istess ħsieb jidher ukoll fil-kwadru titulari tal-Oratorju tas-Sagrament li nsibu maġenb il-knisja parrokkjali. Dawn ideat kellhom iwasslu wkoll għall-glorifikazzjoni tas-Sagrament tal-Ewkaristija f'xogħlijiet oħrajn. Eżempju ta' dawn nistgħu nsemmu arazz partikolari mis-sett li l-Gran Mastru Perellos rregala lill-Kon-kattidral ta' San Ġwann u li juri bl-aktar mod ċar il-glorifikazzjoni tal-knisja li tidher miġbuda fuq karru żżomm f'idejha sfera bis-sagrament ġo fiha; id-



Juan de Juanes (1523-1579) - Kristu Salvatur - Museo de Bellas Artes Valencia.

distinzjoni bejn il-knisja u s-sagrament f'dan il-każ hija waħda minima. 6

Is-simboliżmu u l-messaġġ li l-Arti Tridentina riedet tagħti huwa validu wkoll fil-każ ta' xbihat u skultura polikroma ta' Kristu Mejjet. L-istess idea tal-korp ta' Kristu maqtul b'sagrifiċċju sabiex aħna ngħixu hija identika għas-simbolu tal-pelikan li jqatta biċċiet minn ġismu stess sabiex jgħajjex lil uliedu. Wħud minn dawn ix-xbihat, li nistgħu nsibu bosta minnhom fi Spanja, ġew matul iż-żmien wkoll mqegħda għall-kult f'post prominenti; kien ferm komuni li dawn jiġu kkummissjonati sabiex jitqegħdu f'niċċa taħt l-altar li fuqu jitwettaq is-sagrifiċċju tal-quddiesa. 7. Eżempju ta' dan insibuh fil-kattidral ta' Segovia, preċiżament fil-kappella ta' Bernaldo de Quiros. Il-korp ta' Kristu mejjet, mqiegħed taħt l-altar li fuqu jseħħ is-sagrifiċċju tal-quddiesa, kien jinħareġ għall kult u jitpoġġa fuq l-istess altar fil-Ġimgħa l-Kbira.8 Din titqies bħala tradizzjoni antika u diversi studjużi jsostnu li dan kien iseħħ ukoll f'Ħamis ix-Xirka. 9 Dawn it-tip ta' xbihat ġew proposti saħansitra minn artisti prominenti Spanjoli tas-Seklu sittax bħal Gregorio Fernandez (1576-1636). Ir-Re Filippu III fl-1614 ordna Yacente (hekk kif inhu magħruf bl-ispanjol) mingħand Fernandez sabiex jitqiegħed espressament fil-Kunvent tal-Kapuċċini ta' El Prado. Dan ukoll insibuh taħt il-wiċċ ta' l-altar li fuqu ssir il-konsagrazzjoni u kien iċ-ċentru ta' devozzjoni parikolari mħeġġa mill-membri tal-kuruna Spanjola. 10



G. Artusu u M. Sprinati - Tabernaklu - bronżindurat - Kunvent ta' Santa Marija ta' Grotta Ferrata.

Xogħol ta' l-iskultur magħruf Pedro Roldan (1624-1699) fil-*Hospital dela Caridad* ġewwa Sevilla jirrifletti wkoll l-istess ħsieb; f'dan il-każ is-suġġett iservi ta' kwadru titulari, maħluq fit-tradizzjoni tar-retablos Spanjoli, bil-ġisem mejjet ta' kristu qiegħed jiġi mqiegħed f'qabar li jidher mibni bħala estensjoni ta' l-istess tabernaklu mqiegħed taħt ix-xena.



B. Simon de Pineda, Pedro Roldan, Juan Valdezleal - Altar maġġur ta' Hospital de la Cavidad - Sevilla. (1670-73)

Dan kollu japplika wkoll għax-xbiha ta' Kristu mejjet li nsibu fil-Knisja Parrokkjali. Fil-kuntest ta' dan kollu wieħed irid bla dubju jħares lejn il-possibilta' li l-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta setgħu twieldu bħala rit ta' xeħta u konnessjoni ewkaristika fil-kuntest ta' l-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa; l-paralelliżmu bejn l-urna li jinġarr fiha l-korp ta' Kristu mejjet, li bosta drabi tieħu xeħta ta' elaborata b'saqaf ikkupplat magħluq b'kuruna rjali, u l-urna jew kapsola tas-sepolkru li fiha jintrefa s-sagrament nhar Ħamis ix-Xirka, mhux ta' min iwarrbu bħala evidenza valida ta' din il-possibilta'. Bħal ħafa riti oħra, l-evoluzzjoni ta' dan ir-rit f'sempliċi ritwal narattiv tal-passjoni ta' Kristu b 'aċċenn indirett għall-Via Crucis, u aktar tard fi żmienna, f'manifestazzjoni parrokkjali, seta tellef xi ftit mis-simboliżmu oriġinali. Iżda fil-każ taż-Żejtun wieħed jista' saħansitra jkompli jorqom. Il-korp jitqiegħed f'niċċa li wkoll tevoka urna u li tinsab mqegħda f'post li jirrifletti dan is-simboliżmu

kollu; il-passaġġ li tinsab fiha huwa l-uniku aċċess għall-Oratorju tas-Sagrament li l-fidili għandhom u għalhekk jidher li l-fatt li din ix-xbiha tpoġġiet hemmhekk huwa ferm iżjed minn kumbinazzjoni. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-aċċess għal dan il-passaġġ qiegħed sewwasew qrib l-altar tal-kurċifiss li hu mkennen b'arzella mill-isbaħ xogħol il-pittur G.N. Buhagiar (1698-1752) li bil-pinzell tiegħu ddeskriva l-adorazzjoni tal-korp ta' Kristu mejjet simbolu ta' l-Ewkaristija; f'din l-opra monumentali għandna t-twaħħid tal-ġrajja mal-konnotazzjonijiet tagħha. It-tlett statwi l-oħra li wkoll jinsabu mqegħdin f'nićċeċ aċċessibli għall-kult fl-ispazju tal-knisja huma r-redentur, il-veronika u d-duluri, barra mill-bust żgħir tal-Ecce Homo li jinsab fuq l-altar ta' Sant Andrija. Fil-każ ta' dawn id-daħliet li jservi ta' nićeċ, wieħed irid joqgħod pass lura, minħabba l-fatt li dawn setgħu saru għal xi xbiha oħra għalkemm dan ma jidhirx li hu l-każ fejn għandu x'jaqsam ir-redentur minħabba l-pożizzjoni partikolari tiegħu. Iżda ma nistgħux ngħidu l-istess meta nitkellmu fuq in-nićċa ta' Kristu Mejjet. Minkejja l-fatt li s-simboliżmu ta' din ix-xbiha seta ntilef fiċ-ċpar taż-żmien, il-post ta' fejn tiġi mqegħda wara li taqdi l-funzjoni tagħha jixhed għat-tifsira li ġiet maħluqa għaliha.

**(c) Sandro Debono 2001.**



Photo: Pinkish Line

**Kristu mejjet fin-nićća tiegħu -Knisja Parrokkjali - Żejtun.**




1"....Dan hu ġismi li jingħata għalikom:għamlu dan b'tifkira tiegħi.... dan il-kalċi huwa l-patt ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom.."Luqa22:19. Meħuda minn it-Testment il-Ġdid tas-Salvatur tagħna Sidna Ġesu Kristu, Għaqda Bibblika Maltija, 1977.

2Dan l-argument jispjega ruħu b'mod ċar fil-kitba tiegħu De Captivitate Babylonic Ecclesiae Praeludium tal-1520 kif ukoll kitbiet oħra.

3Margaret R. Miles "Theology, Anthropology and the Human Body in Calvin's Institutes of the Christian Religion" Harvard Theological Review, 74 (1981) pgs. 303-323.

4Alain Saint Saens, Art and Faith in Tridentine Spain (1545-1690), Peter Lang Publ. Inc N.Y., 1995.

5Il-Kalċi li jidher f'id Kristu huwa meħud mill-kalċi magħdud li ntuża minn Kristu fl-aħħar Ċena u li jinsab fil-Kattidral ta' Valencia.

6Michael Shaw "origins of the Flemish Tapestries" Treasures of Malta, F.P.M., Vol III no.2, pg.49-52.

7Alain Saint-Saens, Art and Faith, pg.66

8Ibid.

9Antoino Igual Ubeda, Cristos Yacentes en la Iglesias Valencianas, Inst. Alf.El Magnanimo, 1964, pg.11.

10J.J. Martin Gonzales, Escultura Barroca en Espana 1600-1770, Manuales Arte Catedra, 1991, pg.62-63.